# MINUTI

## Laqgħa b'Urgenza tal-Kunsill Lokali Ħamrun

**Laqgħa Nru. 24/*2016***

Data: L-Erbgha, 20 ta' Lulju 2016

Ħin: 6.30p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: Is-Sur Christian Sammut - Sindku
Is-Sur Vincent Bonello – Viċi Sindku
Is-Sur Antonello Cuschieri –Kunsillier
Is-Sinjura Carmen Borg - Kunsillier
Is-Sinjura Louise Portelli – Kunsillier
Is-Sur Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Is-Sur Efrem Buttigieg - Kunsillier

***Karen Camilleri*** *– Segretarju Eżekuttiv*

---

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Progett – Rinnovar ta' Pjazza Kappillan Muscat
4. Skeda ta' Hlasijiet
5. Aġġornament

**Minuti – 24/*2016***

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Approvazzjoni tal-Minuti** | |
| 1.1 | Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 23 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.<br><br>Il-Minuti ġew approvati bil-korrezzjonijiet unanimament. | |
| **2** | **Punti Mqajjma mill-Minuti** | |
| 2.1 | Il-Vici Sindku, Vincent Bonello, qal li hassu urtat ghall-atitudni tas-Sur Camilleri kif indahal fid-decizjonijiet tal-Kunsill u m'ghandu l-ebda dubju li s-Sur Mario Camilleri jaghmel xoghlu sewwa, izda matul l-ahhar zewg edizzjonijiet tal-Legislatura l-ohra, l-festival ma kienx jisthoqqlu jaqa' ghal-livell li waqa'. | **Festival tac-Cikkulata u s-sehem tas-Sur Mario Camilleri** |
| 2.2 | Il-Kunsillier Carmen Borg issuggeriet li ta' min jikkonsidra li l-attivita' tinzamm jew fi Triq il-Kbira San Guzepp biss jew fis-side streets biss, ghaliex fl-ahhar edizzjoni, l-esibituri li kienu armati fil-genb hargu fi Triq il-Kbira San Guzepp. Il-Kunsilllier Carmen Borg qalet ukoll li s-sena li ghaddiet l-artiggjani li kienu armati fi Triq id-Duluri, spiccaw cemplulha u jkellmuha hazin ghax kienu maqtughin mic-centru tal-attivita'. Dan l-incident, kompliet il-Kunsillier Carmen Borg, seta' nqala' ghaliex is-Sur Mario Camilleri infurma lill-artiggjani li s-*site* giet deciza minnha. Barra minhekk kull min kien armat fi Triq Dun Nerik Cordina Perez hargu kollha fi Triq il-Kbira San Guzepp. Is-Sindku spjega li l-problema ma kinitx fis-side streets kollha izda fi Triq id-Duluri veru kien hemm problema. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li tal-Hobbies Society ghandhom jghinu lilhom insfuhom u johorgu lejn ic-Centru, inkella jigi armat aktar armar fi Triq id-Duluri, quddiem il-Hamrun Heroes. | |
| 2.3 | Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li dan l-ahhar hu u s-Sindku kellu laqgha mal-Petting Farm, fejn offrew li jippartecipaw fil-Festival tac-Cikkulata b'Kids area, fejn it-tfal ikollhom l-opportunita' jilghabu bil-fniek. Barra minhekk, offrew ukoll li jarmaw stand tac-Cikkulata bil-forom tal-annimali. | |
| 2.4 | Il-Kunsillier Carmen Borg issuggeriet li jekk se jigu mistiedna pajjizi barranin, il-Kunsill ghandu jara li dawn jarmaw stands bic-cikkulata tradizzjonali ta' pajjizhom u mhux b'ikel tradizzjonali. Dan sabiex tinzamm it-tema principali tal-Festival. | |
| 2.5 | Is-Sindku Christian Sammut infurma li issa se tinhareg tender ghall-Event Co-Ordinator u wara l-Kunsill jiddeciedi minn hemm. | |

| | | |
|---|---|---|
| 2.6 | Is-Sindku nfurma lill-membri li r-rapprezenanti ta' Greenpak kellhom imorru mat-technician sabiex jaraw hux possibli li jsiru cameras. Il-Vici Sindku qal li nhar is-Sibt li ghadda tkellem mal-Kuntrattur u urieh il-mizbla li kien hemm. Is-Sindku nfurma lill-membri li nhar il-Gimgha, l-haddiema tal-Kunsill ukoll marru jigbru vann skart. Il-Vici Sindku ppropona li t-tielet skip ticcaqlaq. Is-Sindku ppropona li l-Vici Sindku jindika post fejn ghandha ssir. Il-Vici Sindku ppropona li titpogga f'parking bay qrib il-Metropolitan Court. | **Skips fl-area tar-Rabbat** |
| 2.7 | Is-Sindku nfurma li saret il-laqgha mal-Kappillan u l-ghaqdiet u jidher li kollox se jinhadem bhas-sena li ghaddiet. Is-Sindku qal li m'ghandux ikun hemm diffikultajiet, izda ghandu jkun ippreparat ghal xi lmenti li jista' jkun hemm dwar il-gabbani. | **Festa San Gejtanu 2016** |
| 2.8 | Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma li dil-ġimgħa hu u s-Sindku identifikaw is-sites fejn se jitwaħħlu l-Bins u jgħaddi l-lista fil-ġranet li ġejjin. | **Bins ġodda fil-lokalita'** |
| 2.9 | Is-Sindku nfurma li l-vacancy għal General Hand fil-Kunsill taħt l-iskema CIES issa għalqet. Is-Sindku nfurma li l-interviews se jinżammu nhar it-Tlieta 9 ta' Awwissu 2016, mis-6.00p.m. 'l quddiem. | **CIES – Interviews** |
| 2.10 | Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa x'sar dwar l-Istatwa ta' Santa Liena. Is-Sindku nfurma lill-membri li s-Segretarju Eżekuttiv talbet parir legali mingħand l-Avukat. Is-Sindku nfurma wkoll li jinsab f'kuntatt ma' John's Group. | **Statwa Santa Liena** |
| 2.11 | Dwar it-tneħħija ta' ħajt minn mal-Ħamrun Nursery fi Triq Alexander, is-Sindku nfurma li l-Kunsill se jkun qed jipprovdi biss 2 skips fejn jintrema l-materjal. | **Tneħħija ta' ħajt minn mal-Ħamrun Nursery fi Triq Alexander** |
| 2.12 | Is-Sindku nfurma lill-membri li s-Sala 'Joe Zammit Cordina' se tiġi inawgurata matul ix-xahar ta' Settembru. Is-Sindku spjega li qed jppjana li ssir attivita' żgħira, fejn matulha jittella' feature u jiġu mistiedna rappreżentanti tal-għaqdiet lokali u l-familjari tas-Sur Zammit Cordina. | **Sala Joe Zammit Cordina** |
| 2.13 | Is-Sindku talab lill-kunsillier Carmen Borg iżżomm kuntatt mas-Sinjorina Christabelle Scerri. Is-Sindku spjega li r-rata hija waħda minima ħafna u l-Kunsill jista' jisponsorja dawn il-lezzjonijiet sabiex jintlaħqu kemm jista' jkun tfal bi problemi soċjali. | **Lezzjonijiet tal-Kant mis-Sinjorina Christabelle Scerri** |
| 2.14 | Is-Sindku nfurma li ż-żbir tas-siġar fi Triq San Ġorġ Preca tlesta. | **Żbir ta' siġar tul Triq San Ġorġ Preca** |

| | | |
|---|---|---|
| 2.15 | Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello talab li jsir ix-xogħol mill-aktar fis possibli għaliex hemm periklu | **Ħsarat estensivi quddiem MAP Electronics fi Triq Kappillan Mifsud.** |
| **3** | **Skeda ta' Ħlasijiet**<br><br>Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li matul l-aħħar laqgħa ma ġietx approvata Skeda Nru 17. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet poġġiet fuq il-mejda kopja ta' Skeda 17.<br><br>L-Iskeda ġiet approvata unanimament.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 18.<br><br>L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament. | **Skeda ta' Ħlasijiet Nru 17**<br><br>**Skeda ta' Ħlasijiet Nru 18** |
| **4** | **Rinnovar ta' Pjazza Kappillan Muscat**<br><br>Is-Sindku ppreżenta lill-membri pjanta proposta għal xogħol ta' rinnovar ta' Pjazza Kappillan Muscat. Is-Sindku nfurma li se jintuża l-istess madum u se ssir biss manutenzjoni ta' dak imkisser. Barra minhekk il-konka tal-ġibjun se titneħħa u dan se jiġi livellat mal-art, fejn minnu toħroġ funtana.<br><br>Is-Sindku spjega li x-xogħol propost jinvolvi tibdil tal-bankijiet, tibdil tal-arbli tad-dawl, installar ta' bins ġodda u tibdil fid-disinn tal-ħawt tas-siġar.<br><br>Is-Sindku nfurma li se jkun qed isejjaħ laqgħa għar-residenti fejn jagħti spjega tal-proġett propost, sabiex ir-residenti jingħataw iċ-ċans jesprimu rwieħhom dwar dan il-proġett.<br><br>Is-Sindku spjega li wara li tinżamm il-laqgħa mar-residenti, se tintalab il-Bill of Quantity lill-Perit sabiex tiġi approvata mill-Kunsill. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill se japplika għall-Fondi tal-UIF sabiex isir dan il-proġett.<br><br>Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li ġaladarba se tinqala' l-pjazza, l-Kunsill għandux jikkunsidra li jdawwar il-parkeġġi. Is-Sindku qal li r-residenti ma oġġezzjonawx għal parking, anzi talbu li jibqa' kif inhu.<br><br>Il-Viċi Sindku Vincent Bonello ssuġġerixxa li biex jiġu evitati l-problemi, l-Kunsill jista' jnaqqas il-wisa tal-bankina u b'hekk jitnaqqas il-periklu.<br><br>Is-Sindku ppropona li l-laqgħa tar-residenti tinżamm nhar il-Ħamis 11 t'Awissu 2016, fis-6.30p.m. fis-Sala tal-Kunsill Lokali. | |

| | | |
|---|---|---|
| **5** | **Korrispondenza**<br><br>Cirkulari 8/2016 – Skema Librerij<br><br>Il-Kunsill approva li l-Kunsill japplika għall-iSkema. | |
| **6**<br><br>**6.1** | **Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti**<br><br>Is-Sindku nfurma lill-membri li kien hemm talba mill-Ħamrun Liberty sabiex isir ħruq ta' nar minn Triq Schembri, l-Ħamrun, nhar il-Ħadd 7 t'Awissu 2016, filgħaxija. Is-Sindku nfurma lill-membri li vverifika li Transport Malta ħarġet in-No Objection Letter u tawhom il-Kundizzjonijiet meħtieġa. Barra minhekk, is-Sindku nfurma lill-membri li ħa parir mingħand l-iSpettur Sandro Camilleri, fejn qallu li jista' jmexxi.<br><br>Is-Sindku qal li f'dan l-istadju, jħoss li la f'Lokalitajiet oħra, bħal Fgura, jagħtu n-nar mit-toroq, il-Kunsill Lokali Ħamrun m'għandux iwaqqaf milli jinħaraq in-nar. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello kkonferma li filwaqt li ma jsibx oġġezzjoni li tingħalaq it-triq, il-Kunsill Lokali għandu joqgħod attent għal liema skop se tintuża t-triq.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalma diġa nfurmat lill-membri permezz ta' email li għaddiet il-ġurnata ta' qabel (kopja annessa), hi mhux se tiffirma n-No Objection Letter, għaliex skont Kapitlu 33.03 dan it-tip ta' ħruq ta' nar huwa llegali fl-abitat. Barra minhekk is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi għandha familja x'titma u fl-ebda ħin ma trid tirriskja l-job tagħha minħabba kwistjoni bħal din.<br><br>Il-Viċi Sindku Vincent Bonello staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk intalbitx direzzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għaddiet kopja tal-email mgħoddija lill-Kunsilliera, lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn ikkonferma li l-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv hija korretta.<br><br>Il-Viċi Sindku Vincent Bonello, qal li kemm ilu fil-Kunsill qatt ma kien hemm kontraddizzjoni għad-direzzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv u ġaladarba hemm konferma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-Kunsill għandu jimxi mal-istruzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Eżekuttiv.<br><br>Wara diskussjoni dwar dan kollu, l-Kunsill qabel li tinħareġ in-No Objection Letter. Is-Sindku, Christian Sammut ikkonferma li se jkun hu li jiffirma n-No Objection Letter, bl-approvazzjoni tal-Kunsill.<br><br>F'dan l-istadju s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-deċiżjoni tal-Kunsill hija sovrana. Talbet għalhekk li l-membri jipprovdu l-Kundizzjonijiet marbuta ma' din in-No Objection. Il-Kunsilliera Antonello Cuschieri, Efrem Buttiġieġ u Jurgen Carl Grixti qalu li la Transport Malta ma sabet l-ebda oġġezzjoni li tintuża t-triq il-Kunsill għandu joħroġ in-No Objection". | **Ħruq ta' Nar minn Triq Schembri** |
| **6.2** | Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li l-MEPA kienet ordnat li jitneħħa d-doggy bin minn mar-rixtellu tat-Tromba li tinsab fi Triq San Gejtanu, liema doggy bin kien tneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill. Saru tentattivi biex dan il-bin jinstablu post alternattiv, f'żewġ siti fil-qrib iżda r-residenti ma rieduhx. Issa ġara li dan is-sit storiku reġa' mtela' kollu ħmieġ tal-klieb u kull xorta ta' skart ieħor. Il- | **Doggy bin fi Triq San Gejtanu** |

| | | |
|---|---|---|
| **6.3** | Kunsillier Carmen Borg infurma li għajjiet, ta' kuljum tnaddaf din il-parti tat-triq u l-Kunsill għandu jsib alternattiva sabiex jittaffa' dan il-ħmieġ.<br><br>Il-Viċi Sindku Vincent Bonello staqsa jekk hux se tittieħed azzjoni dwar il-każ tas-Sur Ray Pellicano u jekk kienx regolari li tela' jixhed quddiem il-Board tal-Kuntratti, bhala xhud tal-Kumpanija li ressqet l-Objection kontra d-decizjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri qal li ġaladarba ġie msejjaħ mill-PCRB ma setax jitwaqqaf milli jagħti x-xhieda tiegħu.<br><br>Il-Vici Sindku, Vincent Bonello staqsa f'kaz li l-Kunsill ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Board, ikunx jista' jappella mid-Decizjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li l-Kunsill jista jappella izda mhux jikkometti ruhu dak il-hin li tittiehed id-decizjoni tal-Board.<br><br>Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li wara l-Festa ta' San Gejtanu se tkun qed torganizza Day By the Pool u l-attivita' annwali 'Gozo by Night'.<br><br>Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk ir-residenti ta' Triq Wenzu Mallia hux se jkunu nfurmati bid-decizjoni ta' Transport Malta. Is-Sindku kkonferma li r-residenti se jigu nfurmati permezz ta' ittra. | **Każ Ray Pellicano**<br><br>**Deċiżjoni Bord tal-Kuntratti**<br><br>**Attivitajiet mill-Kunsill matul ix-xhur tas-Sajf**<br><br>**Traffic Management Triq Wenzu Mallia** |
| 6<br><br>6.1 | **Aġġornament**<br><br>Il-laqgħa ntemmet fid-20.45p.m. u ġiet aġġornata ghall-Erbgħa, 17 t'Awwissu 2016 fis-6.00p.m. | |

**IFFIRMATA**
Christian Sammut
*Sindku*

**IFFIRMATA**
Karen Camilleri
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: **17 t'Awwissu 2016**